**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. ELAINE RIZZO B.A., LL.D.**

**Illum, it-3 t'Ottubru 2023**

Kaz Nru: 429/14

**IL-PULIZIJA**

(Spettur Johann J. Fenech)

**kontra**

**AXEL GRECH**

(Detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 562792(M))

**Il-Qorti:**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' **Axel Grech**, ta' 21 sena, bin Joseph u Maria nee Magro, imwieled Pieta' nhar il-29 ta' Awwissu 1992, residenti ġewwa 'Marjos', tal-Fortizza, Tal-Ħandaq, limiti ta' Ħaż-Żebbuġ u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 562792 (M) senjatament, akkużat talli:

1. F'dawn il-Gzejjer, matul il-lejl ta' bejn is-26 u s-27 ta' Ottubru 2013 kellu fil-pussess tiegħu mediċina psikotropika u ristretta **(ecstacy)** mingħajr awtoriżżazzjoni speċjali bil-miktub mis-Supritendent tas-Saħħa Pubblika, bi ksur tad-dispożizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x' jaqsmu magħha, Kap 31 tal-Liġijiet ta'

Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini, Avviż Legali 22 tal-1985 kif emendati, **liema mediċina nstabet f' tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħek**; u

2. F'dawn il-Gzejjer f'Ottubru 2013 u s-sitt xhur ta' qabel kellu fil-pussess tiegħu mediċina psikotropika u ristretta **(ecstacy)** mingħajr awtoriżżazzjoni speċjali bil-Miktub mis-Supritendent tas-Saħħa Pubblika, bi ksur tad- dispożizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x' jaqsmu magħha, Kap 31 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini, Avviż Legali 22 tal-1985 kif emendati;

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-Ordni tal-Avukat Generali datat 17 ta' Lulju 2014, *ai termini* tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 120A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x' jaqsmu magħha (Kapitolu 31 tal-Ligjiet ta' Malta) li permezz tiegħu, ordna li l-imputat jitressaq quddiem din il-Qorti biex iwieġeb għall-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu;[1]

Rat id-dikjarazzjonijiet tal-uffiċjal prosekutur a fol. 5 tal-atti proċesswali odjerni, permezz ta' liema ddikjara li l-imputat ghandu jibbenefika mill-artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-Digriet tal-Assenjazzjonijiet ta' Kawzi u Doveri datat it-28 ta' Lulju 2021, permezz ta' liema din il-kawza ġiet assenjata lil din il-Qorti hekk kif inhi ppreseduta[2];

Rat li l-prosekuzzjoni rrinunzjaw għax-xhud Noel Frendo u għalqu l-provi tagħhom nhar it-8 ta' Marzu 2022;

Rat li fl-udjenza tas-6 ta' Frar 2023, din il-Qorti għalqet il-provi tad-difiza u ddifferiet il-każ għat-trattazzjoni finali;

Rat u semgħet ix-xhieda;

Rat l-atti proċesswali kollha tal-kaz odjern u d-dokumenti esebieti;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni li min-naħa tagħhom iddikjaraw li qed jistrieħu fuq il-provi mressqa minnhom filwaqt li tat l-opportunita' lid-difiza

[1] Ara a fol. 4 tal-Proċess.

[2] B'referenza għal fol. 96 tal-atti proċesswali.

sabiex fi żmien xahrejn jipprezentaw nota ta' sottomissjonijiet bil-miktub, madanakollu din in-nota baqgħet ma ġietx ipprezentata[3].

**Ikkunsidrat:**

In linea preliminari u għal kull bon fini jingħad li l-imputat ma ressaq l-ebda prova u/jew sottomissjoni in difesa quddiem din il-Qorti. Ovvjament huwa ma kellux l-obbligu li jagħmel dan u n-nuqqas min-naħa tiegħu li jagħmel dan ma għandu qatt jissarraf f'xi kunsiderazzjoni jew preġudizzju kontrieh.

Stabbilit dan, jingħad li l-imputat irrillaxxa stqarrija fl-istadju investigattiv u cioe' fil-*pre-trial stage* nhar is-27 t'Ottubru 2013 u dan wara li Grech ġie mgħoti t-twissijiet u d-drittijiet spettanti lilu fil-liġi inkluż id-dritt tal-assistenza legali li dak iż-żmien li ttieħdet l-istqarrija (ċioe' fis-sena 2013) kien limitat biss għal siegħa qabel jibda l-interrogatorju. L-imputat irrifjuta dan id-dritt. Sussegwentament mill-atti jirrizulta li l-imputat odjern ikkonferma l-istqarrija rrillaxata lill-pulizija bil-ġurament quddiem il-Maġistrat tal-Għassa u dan a tenur tal-artikolu 24A(12) u (13) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Jingħad ukoll li mill-atti proċesswali jirrizulta li Grech fl-ebda ħin ma ġie mgħoti d-dritt tal-assistenza legali waqt l-istqarrija (li ma jistgħa qatt jiġi ekwiparat mad-dritt tal-assistenza legali limitat għal qabel il-bidu tal-istqarrija). Minn analizi tal-atti processwali ma jirrizultax li kien hemm raġunijiet impellenti l-għaliex l-imputat ma ġiex mgħoti d-dritt għall-assistenza legali waqt l-istqarrija tant li fil-fatt ġie offrut id-dritt limitat t'assistenza qabel l-istqarrija.

Madanakollu minn analizi tal-istess atti proċesswali li ġew ikkumpilati fuq perjodu ta' madwar disa' snin, ma jirrizultax li l-imputat ilmenta dwar l-istqarrija u xhieda ġuramentata rrillaxata minnu fid-dawl tal-fatt li huwa ma kienx assistiet minn avukat ta' fiduċja tiegħu. Dan minkejja li waqt il-proċeduri ġudizzjarji huwa kien legalment assistiet u kellu kull opportunita' li jagħmel dan.

Huwa ukoll relevanti li mill-atti proċesswali jirrizulta permezz tal-istess stqarrija u xhieda ġuramentata, l-imputat volontarjament u minn jeddu, għażel li jikkopera mal-pulizija tant li l-uffiċjal prosekutur iddikjara li l-imputat għandu jibbenefika minn piena inqas skond l-artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Minn qari tal-istess stqarrija u xhieda ġuramentata jirrizulta li l-imputat f'istanzi inkrimina lilu nnifsu b'referenza għall-imputazzjonijiet migjuba kontrieh. Fil-fatt l-stqarrija u x-xhieda ġuramentata tal-imputat hija waħda mill-provi iżda mhux dik il-prova unika jew esklussiva tal-prosekuzzjoni (salv għal dak li ser jingħad

[3] Fol. 114 tal-atti proċesswali, udjenza datata 15 ta' Frar 2023

fir-rigward tat-tieni imputazzjoni li huwa reat minuri adirittura punibbli b'penali hekk kif ser jiġi spjegat iktar 'il quddiem).

Minkejja li l-imputat kellu wieħed u għoxrin sena meta seħħ ir-reat u l-fatt li mill-fedina penali tiegħu jirrizulta li huwa kellu kundannna oħra a tenur tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta biss, ma jirrizultax li jeżistu xi kundizzjonijiet li minħabba fihom l-imputat ikun meqjus persuna vulnerabbli.

Stabbiliti dawn ir-riżultanzi, din il-Qorti qieset l-istess fid-dawl tal-prinċipji stabbiliti fl-insenjament mgħoti fil-kaz **Beuze v il-Belgju** (App. Numru 71409/10) tad-9 ta' Novembru 2018[4], u l-prinċipji stabbiliti f'dawn l-aħħar snin permezz tas-sentenzi mgħotija f'dan ir-rigward mill-Qrati ta' ġurisdizzjoni Kostituzzjonali u anke Kriminali[5]. Il-ġurisprdenza riċenti tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem tagħmilha ċara li l-fatt li persuna suspettata li kkommettiet reat tagħmel stqarrija mingħajr l-assistenza t'avukat ma jwassalx bilfors għal ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu, partikolarment il-jedd għal smigħ xieraq, fil-proċeduri ġudizzjarji ta' natura kriminali li jistgħu jittieħdu kontra dik l-istess persuna. Konsegwentament, il-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Jean Marc Dalli vs. Kummissarju tal-Pulizija et**[6], irribadiet li:

> *"Għalhekk il-Qorti trid tistħarreġ l-overall fairness skont il-varji kriterji (mhux tassattivi) li jissemmew fis-sentenzi <u>Beuze v. Il-Belgju</u> deċiża mill-Grand Chamber fid-9 ta' Novembru 2018 u s-sentenza <u>Carmel Joseph Farrugia v. Malta</u> deċiża mill-QEDB fl-4 ta' Ġunju 2019. Fl-eżerċizzju jispetta lill-intimat li iressaq prova li l-fatt li r-rikorrent ma kellux il-possibilita' li jkun assistit minn avukat waqt l-interrogazzjoni ma ppreġudikax irrimedjabbilment il-każ tiegħu."*

<u>B'hekk fid-dawl tal-prinċipji stabbiliti f'dawn is-sentenzi, kif ukoll tenut kont li l-istqarrija u x-xhieda ġuramentata tal-imputat ġew meħuda skond il-liġi viġenti dak iż-żmien (għaldaqstant huma kkunsidrati bħala legalment validi) magħduda mal-fatt li l-qua imputat qatt ma ilmenta mill-istqarrija u x-xhieda ġuramentata rrillaxxati minnu, din il-Qorti ma hijiex tal-fehma li hija għanda *ex officio* (mingħajr ebda talba mill-partijiet f'dan is-sens) tisfilza l-imsemmija stqarrija u xhieda ġuramentata. Iktar u iktar meta dan jistgħa jwassal li l-imputat jiġi preġudikat u ma jibbenefikax mill-artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta</u>

---

[4] Li riċentament issir referenza għalihom fis-sentenza mgħotija mill-QEDB fl-ismijiet Lalik vs. Poland, 11 ta' Mejju 2023

[5] F'dan is-sens issir referenza ghas-segwenti sentenzi (izda mhux biss) Morgan Onourah vs L-Avukat tal-Istat (Qorti Kostituzzjonali), 27 ta' Jannar 2021, Ir-Repubblika ta' Malta vs Kevin Gatt et (Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri), (27 ta' Ottubru 2021), kif ukoll Christopher Bartolo vs L-Avukat ta' l-Istat Qorti Kostituzzjonali, (26 ta' April 2022); Ir-Repubblika ta' Malta vs Andrew Mangion (Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri), (4 ta' Mejju 2022), Emmanuele Spagnol vs Avukat Ġenerali u Kummissarju tal-Pulizija (31 ta' Mejju 2023), Jean Marc Dalli vs Kummissarju tal-Pulizija et (31.5.23).

[6] Deċiża fil-31 ta' Mejju 2023

hekk kif huwa kien għażel fil-bidu tal-proċeduri odjerni. Madanakollu fil-kunsiderazzjonijiet tagħha din il-Qorti ser tibaża u tagħmel referenza iktar ampja għal provi l-oħra mressqa mill-prosekuzzjoni.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Il-fatti fil-qosor li wasslu għal proċeduri odjerni huma s-segwenti:-

Fil-lejl ta' bejn is-26 u is-27 t'Ottubru 2013 numru t'uffiċjali tal-pulizija fi ħdan it-Taqsima ta' kontra d-droga kienu qed jagħmlu spezzjonijiet u tfittxijiet ġewwa numru ta' stabbilimenti ġewwa Paceville. Sussegwentament saru ukoll xi tfittxijiet fil-parking area fejn illum hemm l-*Axis Shopping Complex*. Waqt li kienu qed issiru dawn it-tfittxijiet fl-imsemmija *parking area*, l-uffiċjali tal-pulizija għamlu *frisk search* fuq il-qua imputat Axel Grech. PC760 Christopher Saliba li kien wieħed mill-uffiċjali li għamel dawn it-tfittxijiet spjega li mill-movimenti li beda jagħmel l-imputat kienu suspettużi u b'hekk ġie deċiż li ssir strip search. L-imputat ittieħed f'post sekluż bil-għan li ssirlu din it-tip ta' tfittxija. Mit-tfittxija rriżulta li bejn il-parti privata tal-qua imputat u l-boxer shorts, kien hemm borża tal-plastic kontenenti ammont kunsiderevoli ta' pilloli suspettati ecstasy. Il-borża bil-pilloli ġiet elevata filwaqt li l-imputat ġie arrestat u ttieħed fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija għal iżjed investigazzjonijiet.

Sussegwentament, il-pulizija ressqu lill-imputat quddiem din il-Qorti bil-ghan li jwieġeb għall-imputazzjonijiet konnessi ma ksur tal-liġijiet tad-droga. Waqt dawn il-proċeduri, l-prosekuzzjoni esebiet is-sustanza[7] elevata mingħand il-qua imputat bil-għan li tiġi analizata minn espert maħtur mill-Qorti. L-espert maħtur, ix-xjezat Godwin Sammut, ikkonkluda s-segwenti:

> *"Illi fl-estratti meħuda mill-pilloli ta' lewn blu li ġew analizzati li hemm fid-dokument 194_15_01 instabet is-sustanza 3,4-Methylenedioxymethamphetamine (MDMA). In-numru total ta' pilloli kien ta' 25. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-liġi taħt it-Tielet Skeda Parti A tal-Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta.*
>
> *Illi fl-estratti meħuda mill-pilloli ta' lewn ħodor li ġew analizzati li hemm fid-dokument 194_15_01 instabet is-sustanza 3,4-Methylenedioxymethamphetamine (MDMA). In-numru total ta' pilloli kien ta' 4. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-liġi taħt it-Tielet Skeda Parti A tal-Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta."*[8]

Ġie elevat ukoll minn fuq il-persuna tal-qua imputat il-mobile, li ukoll ġie esebiet u analizzat minn espert maħtur għal dan l-iskop minn din il-Qorti – Dr. Martin Bajada. Madanakollu, dejjem skond dak irraportat mill-espert nominat, jirrizulta

[7] Dok. JJF1 – referenza għal fol. 34 tal-atti proċesswali.
[8] Fol. 32 tal-atti proċesswali.

li l-imsemmi mobile kien imsakkar b'PIN CODE u b'hekk ma setgħax jiġi moqri. Madanakollu s-SIM CARD ġiet moqrija b'apparat forensiku. Mill-messaġi estratti fuq SIM CARD ma juru l-ebda evidenza t'attivita relatata ma droga[9].

**Ikkunsidrat ukoll:**

**Permezz tal-ewwel imputazzjoni, l-prosekuzzjoni akkużat lill-qua imputat Axel Grech bir-reat ta' pussess aggravat tal-ecstasy** u cioe' pussess tal-ecstasy f'ċirkostanzi li jindikaw li l-istess sustanza ma kinitx intiża għall-użu esklussiv tiegħu. Il-parametri temporali ta' din l-imputazzjoni huma l-lejl ta' bejn is-26 u s-27 ta' Ottubru 2013 ċioe' meta saret it-tfittxija mill-pulizija fuq il-persuna tal-qua imputat.

Mill-provi mressqa mill-prosekuzzjoni (partikolarment permezz tax-xhieda li għamlu t-tfittxija) intwera kif waqt tfittxija li saret mill-pulizija fuq il-qua imputat irrizulta li huwa kellu moħbija fuq il-persuna tiegħu preċizament bejn il-parti privata tiegħu u l-*boxer shorts* l-ammont ta' disgħa u għoxrin pillola ecstasy. B'hekk jirrizulta ampjament ippruvat sal-grad rikjest mil-liġi li l-qua imputat kien fil-pussess tal-ecstasy u li tali pussess kien wieħed xjenti u dan għaliex kien l-imputat biss li setgħa jpoġġi l-pilloli ecstasy fil-lok fejn instabu u cioe' bejn il-parti privata tiegħu u l-*boxer shorts*. Stabbilit dan jonqos biss li din il-Qorti tiddetermina jekk il-pussess ta' dawn il-pilloli ecstasy kienx wieħed intiż unikament għall-konsum mill-imputat stess jew altrimenti kienx f'ċirkostanzi li jindikaw xort'oħra u cioe' li l-konsum ma kienx intiz għall-imputat esklussivament.

Fis-sentenza **il-Pulizija vs. Jason Mallia**, deċiza fit-2 ta' Settembru 1999, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri) irriteniet illi:

> *"Qabel xejn ghandu jigi precisat li mhux korrett li wiehed jghid li biex jikkonfigura r-reat ta' pussess bl-aggravanti kontemplata fl-Artikolu 22(2)(b)(i) tal-Kap.101 irid ikun hemm provi li juru li l-pussessur kellu l-animus li jispacca d-droga. Jekk tigi ppruvata, mic-cirkostanzi, tali intenzjoni allura certament dak il-pussess ma jkunx ghall-uzu esklussiv tal-pussessur. Izda tali intenzjoni mhix mehtiega ghall-finijiet tal-aggravanti in kwistjoni. Dak li l-ligi tirrikjedi hu li jigu pruvati cirkostanzi li jissodisfaw lill-Qorti sal-grad tal-konvinciment morali "li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu ekslussiv tal-hati."*

L-istess *ratio* gie kkonfermat fis-sentenza **il-Pulizija vs Lawrence Fabri** mghotija ukoll mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) nhar is-27 ta' April 2017. Din is-sentenza għamlet referenza għal eżempji ta' cirkostanzi li jistgħu jiddistingu bejn pussess sempliċi u pussess aggravat.

> "Illi maghmula din id-distinzjoni xorta wahda bhal fil-ligi ingliza l-prova tista issir minn inferenza tac-cirkostanzi tal-kaz fejn il-gurispridenza brittanika tindika hekk.

---

[9] Dok. MB a fol. 42 tal-atti proċesswali.

*"Evidence from which intent to supply may be inferred will include at least one or, more usually, a combination of the following factors:*

- *Possession of a quantity inconsistent with personal use.*
- *Possession of uncut drugs or drugs in an unusually pure state suggesting proximity to their manufacturer or importer.*
- *Possession of a variety of drugs may indicate sale rather than consumption.*
- *Evidence that the drug has been prepared for sale. If a drug has been cut into small portions and those portions are wrapped in foil or film, then there is a clear inference that sale is the object.*
- *Drug related equipment in the care and/or control of the suspect, such as weighing scales, cutting agents, bags or wraps of foil (provided their presence is not consistent with normal domestic use).*
- *Diaries or other documents containing information tending to confirm drug dealing, which are supportive of a future intent to supply, for example, records of customers' telephone numbers together with quantities or descriptions of drugs.*
- *Money found on the defendant. was considered in R v Batt (1994) Crim. LR 592. It is not necessarily evidence of future supply. It may be evidence of supply in the past but on its own the money is not evidence of a future intent to supply.*
- *Evidence of large amounts of money in the possession of the defendant, or an extravagant life style which is only prima facie explicable if derived from drug dealing, is admissible in cases of possession with intent to supply if it is of probative significance to an issue in the case R v Morris (1995) 2 Cr. App. R. 69.*
- *Extravagant lifestyle, but only when that is of probative significance to an issue in the case.""*

Fir-rigward tal-ammont tad-droga, s-sentenzi mgħotija mill-Qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali dejjem sostnew li dan il-fattur, għalkemm waħdu jistgħa jkun indikattiv ta' spaċċ jew konsum personali, għandu dejjem jitqies fid-dawl taċ-ċirkostanzi kollha li fihom id-droga tkun instabet. F'dan ir-rigward issir referenza għas-sentenza mgħotija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet il-**Pulizija vs. Ernest Briffa** nhar is-26 ta' Jannar 2021 fejn intqal:

> *"Dwar l-ammont ta' droga, dan ghandu jitqies fid-dawl tac-cirkostanzi kollha li fihom tali droga tkun instabet. Fl-Appell Kriminali* ***Il-Pulizija v. Noel Borg*** *deciz fit-12 ta' Frar 2009 intqal:*
>
> > *'Illi kif gie ritenut fl-Appell Kriminali: "Il-Pulizija vs. Marius Magri' [12.5.2005], dawn il-kazijiet mhux l-ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta` biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kienetx intiza ghall-uzu personali jew biex tigi spaccata. Il-principju regolatur f'dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lill hinn minn kull dubju dettat mir-raguni w a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur. Prova, ossia cirkostanza wahda f'dan irrigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz,*

*tkun bizzejjed. (Ara App. Krim. "Il-Pulizija vs. Carmel Degiorgio" [26.8.1998]). Meta l-ammont tad-droga ikun pjuttost sostanzjali, din tista' tkun cirkostanza li wahedha tkun bizzejjed biex tissodisfa lill-Qorti li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati. (Ara. Appell Kriminali : "Il-Pulizija vs. Carmel Spiteri" [2.9.1999].) Illi pero` kif gie ritenut minn din il-Qorti, kif preseduta, kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat, fl-ahhar mill-ahhar, hija wahda li jrid jaghmilha l-gudikant fuq il-fatti specji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi "hard and fast rule" x' inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi w mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-gudikant u jekk il-konkluzzjoni li jkun wasal ghaliha il-gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika w l-buon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzzjoni possibbli. (App. Krim. "Il-Pulizija vs. Brian Caruana" [23.5.2002]).'"* (sottolinear ta' din il-Qorti).

Stabbiliti dawn il-prinċipji ġurisprudenzjali, b'referenza għaċ-ċirkostanzi li fihom il-qua imputat nstab fil-pussess tal-pilloli ecstasy jingħad li:

- L-imputat ma kienx fil-pussess ta' dawn il-pilloli fir-residenza tiegħu iżda kien fil-pussess ta' dawn il-pilloli fuq il-persuna tiegħu waqt li kien f'Paceville u għaldaqstant ġewwa lokalita' li hija magħrufa għad-divertament; u
- In oltre l-ammont ta' pilloli li nstabu fil-pussess tal-imputat kien dak ta' 29 pillola. Dan l-ammont huwa wieħed kunsiderevoli u waħdu huwa fattur li jimmitiga bil-qawwa favur il-pussess aggravat. Dan qed jingħad il-għaliex huwa umanament impossibli għal persuna li f'lejl wieħed ta' divertiment tikkonsma dak l-ammont ta' pilloli ecstasy kollha waħidha;

Fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkostanzi li jemerġinaw mill-provi mressqa mill-prosekuzzjoni, din il-Qorti hija tal-fehma li l-istess prosekuzzjoni rnexxielha tipprova sal-grad ta' lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raġuni li l-pussess tal-ecstasy kien wieħed aggravat, u ċioe' f'ċirkostanzi li indubbjament jindikaw li l-istess pilloli ma kienux għall-konsum esklussiv tal-imputat.

Dan huwa kkonfermat ukoll b'dak li qal l-imputat fl-istqarrija u fix-xhieda ġuramentata tiegħu. Madanakollu din il-Qorti qed tagħmilha ċara li anke mingħajr l-imsemmija stqarrija u x-xhieda ġuramentata, fil-fehma tagħha kienu jeżistu provi suffiċjenti sabiex l-imputat jinsab ħati fuq din l-imputazzjoni.

B'hekk Grech ser jinsab ħati tal-ewwel imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu.

**Permezz tat-tieni imputazzjoni, l-prosekuzzjoni akkużat lill-qua imputat Axel Grech bir-reat ta' pussess sempliċi tal-ecstasy u dan b'referenza għax-xahar t'Ottubru tas-sena 2013 u s-sitt xhur ta'qabel.**

L-unika prova mressqa mill-prosekuzzjoni in sostenn ta' din l-imputazzjoni huwa dak iddikjarat mill-imputat stess fl-istqarrija u fix-xhieda ġuramentata tiegħu meta stqarr li kien hemm x'okkazzjonijiet li jirrisalu għal qabel ma huwa twaqqaf mill-pulizija u li fihom kien ikkonsma d-droga ecstasy. Konsegwentament, fid-dawl ta' dak mistqarr mill-imputat stess anke bil-ġurament tiegħu, din l-imputazzjoni ġiet ippruvata sal-grad rikjest mil-liġi.

In kwantu għal din l-imputazzjoni, jingħad ukoll li din il-Qorti hija sprovista minn prova dwar l-ammont ta' pilloli kkonsmati Grech, b'hekk b'applikazzjoni tal-prinċipju *in dubbio pro reo*, din il-Qorti ma hijiex ser tqis li l-ammont ta' pilloli kkonsmat minn Grech kien imur oltre ż-żewġ pilloli. Iktar u iktar meta hu jispjega li kien ikkonsma l-ecstasy f'zewġ okkazzjonijiet preċedenti biss. Konsegwentament il-piena applikabbli għal din l-imputazzjoni hija dik a tenur tal-artikolu 4 tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta.

**In kwantu għall-piena li għandha tiġi erogata**, din il-Qorti ħadet kont tas-segwenti fatturi:

- Iċ-ċirkostanzi u n-natura tar-reati addebitati fil-konfront tal-imputat inkluz in-natura u l-ammont ta' droga mertu tal-kaz odjern, fejn l-ammont ta' pilloli ecstasy kien dak ta' 29 pillola;
- Il-ko-operazzjoni tal-imputat mal-pulizija fl-istadu investigattiv fl-isfond tal-fatt li nqabad *flagrante delicto* fil-pussess tal-ecstasy. Din il-kooperazzjoni waslet ukoll sabiex jitressqu nies oħra l-Qorti. B'hekk il-Qorti ser tieħu kont ukoll tad-dikjarazzjoni tal-uffiċjal prosekutur sabiex l-imputat jibbenefika mill-artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta u ser tapplika dan l-artikolu bi grad wieħed;
- Il-fedina penali tal-imputat minn fejn ma jirrizultax li l-imputat għandu karattru refrattarju; u
- Finalment, id-dewmien fil-proċeduri odjerni. Hawnhekk din il-Qorti tinnota li l-fatti mertu tal-kawża odjerna jirrisalu lura għas-sena 2013. Il-prosekuzzjoni għalqet il-każ tagħha fit-8 ta' Marzu 2022 u dan wara li rrinunzjat għax-xhud Noel Grech li ma setgħa qatt jixhed fil-proċeduri odjerni għaliex huwa stess kien għaddej proċeduri kriminali konnessi mal-fatti mistqara mill-qua imputat fl-istqarrija tiegħu u fil-proċeduri tiegħu (cioe' ta' Noel Grech) kien qed jintalab li jixhed il-qua imputat li kien ukoll fl-impossibilita' li jixhed fid-dawl tal-proċeduri odjerni fil-konfront tiegħu. Dan in-nuqqas ta' pjanar mill-prosekuzzjoni wasal għal dewmien fil-

proċeduri fejn mis-27 ta' Marzu 2017 sat-8 ta' Marzu 2022, il-proċeduri odjerni kienu weqfin għal kollox jistennew ix-xhieda ta' Noel Grech li kien fl-impossibilita' li jixhed. Min-naħa l-oħra l-imputat ikkontribwixxa ukoll għad-dewmien u dan anke bin-nuqqas t'attendenza tiegħu għas-seduti ffissati. In oltre meta jattendi ħafna drabi huwa ma jkunx ippreparat għall-kawża. Fil-fatt l-ewwel seduta ffissata għall-provi tad-difiza kienet is-26 t'April 2022. Dakinhar minkejja li kien notifikat fl-awla sabiex jattendi l-imputat ma attendiex. Fl-udjenza tat-3 ta' Mejju 2022 l-imputat deher wara li kien inħareġ mandat t'arrest fil-konfront tiegħu fis-seduta preċedenti madanakollu ma ġewx imressqa provi. Fl-udjenza tal-14 ta' Ġunju 2022 l-imputat reġgħa ma deherx minkejja li kien notifikat fl-awla biex jagħmel dan fis-seduta preċedenti. Dak inhar il-Qorti, permezz ta' komunika lill-avukat tiegħu wissiet bl-importanza li jibdew jitressqu l-provi tad-difiza u u li jekk mhux ser isir dan il-Qorti ser tkun qed tiddiferixxi l-każ għat-trattazzjoni. Fl-udjenza tat-18 t'Ottubru 2022, l-imputat deher wara li nġab permezz ta' mandat t'arrest maħruġ fl-udjenza preċedenti. Dakinhar ma tressqux provi. Din il-Qorti wissiet lill-imputat bl-importanza li jibda jressaq il-provi u li jattendi għas-seduti ffissati. Wara din it-twissija l-Qorti ddifferiet għall-aħħar darba għall-provi tad-difiza. Fl-udjenza tat-22 ta' Novembru 2022, imputat reġgħa ma attendiex minkejja li kien notifikat sabiex jattendi fis-seduta preċedenti. Il-Qorti ddiferiet għall-aħħar darba għal provi tad-difiza bl-intendiment ċar li jekk dawn ma jitressqux, il-Qorti kienet ser tgħaddi sabiex tagħlaq il-provi tad-difiza. Fl-udjenza tas-6 ta' Frar 2023, l-imputat deher minħabba l-mandat t'arrest li kien maħruġ fil-konfront tiegħu fl-udjenza preċedenti madanakollu d-difiza naqset milli tibda tressaq il-provi u dan minħabba nuqqas konsistenti da parti tal-imputat li jikkomunika mal-avukati tiegħu (dejjem hekk kif ġie spjegat lil din il-Qorti fil-prezenza tal-imputat stess). B'hekk din il-Qorti għaddiet sabiex tagħlaq il-provi tad-difiza u tiddiferixxi l-każ għat-trattazzjoni. Fl-udjenza tal-15 ta' Frar 2023, l-imputat deher madanakollu ma setgħetx tidher l-avukat li kienet qed tippatroċinah għal raġunijiet ta' xogħol u b'hekk din il-Qorti tat l-opportunita' lid-difiża sabiex tagħmel is-sottomissjonijiet bil-miktub fiz-zmien xahrejn. Minkejja t-trapass ta' dawn ix-xahrejn in-nota ta' sottomissjonijiet baqgħet ma ġietx intavolata. B'hekk jirrizulta ċar li d-dewmien fil-proċeduri odjerni kienu dovuti kemm għall-prosekuzzjoni kif ukoll għad-difiza. B'hekk, għalkemm din il-Qorti ser tieħu kont tad-dewmien fil-proċeduri ma hijiex tal-fehma li l-imputat għandu jibbenefika kunsiderevolment fil-piena minħabba dan id-dewmien ġaladarba dan kien anke dovut lilu.

**Decide**

Għal dawn il-mottivi, din il-Qorti, wara li rat ir-regolamenti 3 u 5 tal-Avviz Legali 22 tas-sena 1985 kif ukoll l-artikoli 120, 120A(1)(a), 120A(2)(b)(i) u (ii) tal-Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta, qed issib lill-qua imputat, Axel Grech, ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu. Konsegwentament, l-Qorti qed tikkundana lill-istess Grech għal perjodu ta' sena prigunerija u għall-multa ta' elf u ħames mitt Ewro (Eur. 1,500) li b'applikazzjoni tal-artikolu 14(2) tal-Kodiċi Kriminali tista' titħallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' mija u ħamsin Ewro (Eur. 150) fix-xahar. F'kaz li l-ħlas ikun ħa jsir b'rati mensili, l-ewwel pagament għandu jsir fi zmien xahar millum, b'dan illi jekk il-ħati jonqos milli jħallas pagament wieħed, il-bilanc jiġi dovut minnufih u jekk dan ma jitħallasx jiġi konvertit fi priġunerija skont il-liġi. In kwantu għat-tieni imputazzjoni, a tenur tal-artikolu 4 tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti qed tikkundana lill-imputat għall-ħlas ta' penali fl-ammont ta' disgħin ewro (Eur. 90).

A tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali dina l-Qorti qegħda tordna lill-ħati Axel Grech sabiex iħallas l-ispejjez fl-ammont ta' Eur. 329.35[10] konnessi mal-ħatra ta' l-esperti fil-proceduri odjerni fi zmien sitt xhur millum.

Fl-aħħarnett, il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga ezebita, hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat, u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proces-verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi inserit fl-atti ta' din il-kawza sa mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

**MAĠISTRAT DR. ELAINE RIZZO BA. LL.D.**

Christine Farrugia

**Deputat Reġistratur**

[10] Relazzjoni ta' G. Sammut Eur. 168.50 + Relazzjoni ta' Dr. M. Bajada Eur. 160.85